



Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal

FOLJA TA' INFORMAZZJONI

It-tfal għandhom id-dritt li jesprimu kif jaħsbuha. L-UE trid tisma' lit-tfal u tqis kif jaħsbuha f'deċiżjonijiet importanti.

Fl-2021, l-Unjoni Ewropea qablet dwar pjan ġdid dwar id-drittijiet tat-tfal. **Għan ewlieni tal-pjan huwa li jiżgura li t-tfal, mal-Ewropa kollha, jinstemgħu u jittieħdu bis-serjetà.** Il-Pjattaforma għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal, stabbilita mill-Kummissjoni Ewropea fl-2022, hija parti minn dak il-pjan.

Il-Pjattaforma hija spazju sikur għat-tfal biex isemmgħu lehinom u jaqsmu l-fehmiet u l-ideat tagħhom dwar il-liġijiet u l-politiki Ewropej.



Tixtieq issir membru?

Għaddi dan il-kodiċi QR lill-adulti fl-organizzazzjoni tiegħek, li jistgħu jimlew il-formola tal-applikazzjoni.



IL-PJATTAFORMA GĦANDHA ERBA' PARTIJET



Membri

It-tfal u l-organizzazzjonijiet tagħhom li jaħdmu għad-drittijiet tat-tfal u li jixtiequ jikkontribwixxu l-fehmiet u l-opinjonijiet tagħhom għat-tfassil tal-politika tal-UE dwar is-suġġetti li huma importanti għalihom.



Bord Konsultattiv

Tfal membri u adulti minn organizzazzjonijiet tal-UE li, f'laqgħat kopreseduti mit-tfal u l-Kummissjoni Ewropea, jgħinu biex niżguraw li dak kollu li nagħmlu jkun sikur u sinifikanti għat-tfal.



Panel tat-Tfal

Grupp ta' minn 10 sa 20 tifel u tifla membri li jaqsmu l-ideat, jirrevedu l-pjanijiet, jorganizzaw u jiffaċilitaw l-attivitajiet flimkien, u jgħinu biex niżguraw li niffukaw fuq dak li jeħtieġu u jixtiequ t-tfal.



Is-Segretarjat

Adulti li jorganizzaw il-ħidma kollha tal-Pjattaforma ma': ICF S.A., Risk & Policy Analysts Ltd (RPA), Save the Children, SOS Children's Villages, u l-Professuri Laura Lundy u Cath Larkins.

#EUChildParticipation